

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 705/2007****tal-21 ta' Ġunju 2007****li jiddefinixxi, għas-sena tas-suq 2007/2008, l-ammont ta' l-għajjnuna għal-lanġas ta' l-ipproċessar**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

*Artikolu 1*

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Għas-sena tas-suq 2007/2008 l-ammont ta' l-għajjnuna għal-lanġas skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 huwa ta':

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(3)(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1535/2003 tad-29 ta' Awissu 2003 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward l-iskema ta' l-għajjnuna għall-prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel <sup>(2)</sup> jipprovdi li l-Kummissjoni, qabel il-15 ta' Ġunju, għandha tippubblika l-ammont ta' l-għajjnuna applikabbli għal-lanġas ta' l-ipproċessar.
- (2) Il-medja tal-kwantitajiet ta' lanġas li ġew ipproċessati fil-kuntast tas-sistema ta' l-għajjnuna matul it-tliet snin tas-suq preċedenti taqbeż il-limitu Komunitarju bit-6 511 tunnellata.
- (3) Għall-Istati Membri li qabżu l-livell massimu tagħhom ta' l-ipproċessar, l-ammont ta' l-għajjnuna għal-lanġas ta' l-ipproċessar għas-sena tas-suq 2007/2008 għaldaqstant għandu jiġi emendat fir-rigward tal-livell definit bl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96, skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament imsemmi.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għall-prodotti pproċessati abbażi tal-frott u l-ħxejjex,

— EUR 161,70 it-tunnellata fir-Repubblika Ċeka,

— EUR 51,05 it-tunnellata fil-Greċja,

— EUR 161,70 it-tunnellata fi Spanja,

— EUR 161,70 it-tunnellata fi Franza,

— EUR 154,00 it-tunnellata fl-Italja,

— EUR 161,70 it-tunnellata fl-Ungerija,

— EUR 9,46 it-tunnellata fl-Olanda,

— EUR 161,70 it-tunnellata fl-Awstrija,

— EUR 161,70 it-tunnellata fil-Portugall.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 386/2004 (ĠU L 64, 2.3.2004, p. 25).

<sup>(2)</sup> ĠU L 218, 30.8.2003, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1663/2005 (ĠU L 267, 12.10.2005, p. 22).